# MILL-PATRIMONJU TA' BIRKIRKARA

Kitba ta' SAL

Biex juru l-imħabba bla qies tagħhom lejn il-Patruna Sant'Elena, u biex ifakkru b'mod xieraq u ġeneruż il-50 sena minn meta l-Proto-Kolleġġjata Elenjana ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Bażilika Sagrosanta, il-Banda Duke of Connaught u l-Banda Sant'Elena din is-sena impenjaw ruħhom f'rinnovazzjoni ta' l-Umbrellun u t-Tintinnabulu Bażilikali: ġest li ġie apprezzat mhux ftit mill-Kapitlu u l-Poplu ta' Birkirkara.

Dawn iż-żewġ Korpi Filarmoniċi żgur imxew fuq il-passi ta' Għaqdiet Kostitwiti u ta' Benefatturi Karkariżi ta' l-imgħoddi li, skond ma ċ-ċirkostanzi kienu jippermettulhom, ħadmu u stinkaw kemm felħu biex Birkirkara u t-Tempju Kolleġġjali tagħha jkollhom patrimonju sinjifikanti, mirqum u msawwar b'opri kbar li jgħollu l-isem u l-prestiġju tagħhom. Insemmu biss uħud minn dawn l-opri li saru fil-Kolleġġjata preżenti (u mhux fil-Qadima u l-anqas fil-Knejjes filjali) u li għadna ngħożżuhom sal-lum u jifformaw parti minn dan il-wirt artistiku tagħna.

**BALDAKKIN**

Fil-5 ta' Frar 1817 il-Prokuratur tal-Fratellanza tas-Sagrament, Mastru Franġisk Sammut iben Mastru Mikiel, bi flus mogħtija lilu anki mil-Logutenent ta' Birkirkara Girgor Gatt, kien ħa ħsieb jagħmel Baldakkin għall-purċissjonijiet Sagramentali ta' Corpus u ta' l-Epifanija. Kien qam 800 skud.



**PULPTU**

Fi żmien il-Prepostu Pietru Pawl Micallef sar il-Pulptu ta' l-injam għall-korsija tal-Kolleġġjata (u li bħalissa jinsab ġewwa s-Sagristija). F'deskrizzjoni tiegħu li għamel il-Perit u Skultur Rabti Antonio Fabri, hemm miktub li dan il-Pulptu għandu 8 kapitelli, kuruna bejn żewġ weraq tal-palm, u medalja bix-xbiha ta' Santa Liena. Biex jaħdmu, dan Fabri ħa 250 skud.

## LANTERNI TAL-FIDDA



Fil-5 t'Ottubru 1777, wara l-purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju, il-Kapitlu ħatar lil Wiġi Borg u Stiefnu Camenzuli bħala Prokuraturi sabiex bil-flus tal-Fratelli tal-Fratellanza tar-Rużarju jagħmlu sett ta' lanterni jew fanali tal-fidda għall-Altar tagħhom. Imbagħad, ħafna snin wara, Katerina Bartolo, xebba Karkariża u benefattriċi kbira, għamlet testment fis-17 ta' Ġunju 1862 fejn ordnat li minn flusha jsiru 4 lanterni tal-fidda, bil-lasti tagħhom tal-fidda wkoll, sabiex jintużaw fil-purċissjonijiet kollha bis-SSmu. Sagrament.

## TUŻELL

Fl-1849 il-Prokuratur tal-Kolleġġjata, bl-għajnuna ta' 300 skud li offriet il-Knisja ta' Santu Rokku, ħallsu lid-Ditta Busuttil tal-Belt, tal-lama, il-frenża u l-glalen tad-deheb għat-tużell kbir li għamlu biex jieħu post ieħor qadim li kien "antikissmu". Stqarrew li t-tużell il-ġdid, li kellu jiswa ma' l-elf skud, kien ta' *"grandissimo piacere al popolo, il*



*quale da molto tempo lo desiderava"*. Ix-xogħol fuq il-qafas ta' l-injam tiegħu sar mill-Imgħallem Mastrudaxxa Karkariż Ġakbu Debono, iben Ċensu, flimkien ma' l-Iskultur Toni Sapiano, iben Pawlu, mir-Rabat ta' Malta; filwaqt li d-disinjatur Ġanni Galdes kien responsabbli għall-esekuzzjoni tax-xogħol kollu li kellu jkun sitt darbiet akbar mid-disinn magħmul mill-istess Galdes.

## BAĊIL TAL-FIDDA

Mikiel'Anġ Gauci, iben il-Kjeriku Franġisku, nhar it-13 ta' Mejju 1838, stqarr li xi żmien qabel hu kien għadda f'idejn il-Prokuratur tal-Fratellanza tas-Sagrament baċil tal-fidda għall-użu ta' l-istess Fratellanza. Ried ukoll li dan il-baċil jibqa' taħt il-ħarsien tal-Prokuraturi wieħed wara l-ieħor, u għal dejjem.

## LAMPIERI TAL-FIDDA



Fl-4 ta' Settembru 1787, iż-żewġ Prokuraturi ta' l-Altar ta' Sant'Andrija ftehmu ma' l-Imgħallem Salvu Camilleri iben Wiġi, mill-Belt Valletta, biex jagħmel lampier tal-fidda ta' Franza, li jkun jiżen xi 16-il libbra, għall-istess Altar tal-Qaddis Protettur tas-Sajjieda u l-Baħħara. Il-lampier kellu jqum 300 skud, li nġabru kollha mis-sajjieda foqra Karkariżi li kienu ġa għammru dak l-Altar b'kulma kien jinħtieġ. Tliet xhur wara, bit-tħabrik tal-Prokuratur Sekular ta' l-Altar tal-Lunzjata u Ġesù Bambin, ġie ordnat lampier li jiżen 13-il libbra ta' fidda Rumana għall-istess Altar, u kellu jsir skond wieħed minn tliet disinji li kienu ġew ippreżentati. Bil-ftehim li sar fis-26 ta' Diċembru 1787, dan il-lampier kellu jiġi jqum mat-350 skud. Sa minn żmien qabel, lampier ieħor tal-fidda kien ġie mogħti lil Altar u l-Kappella tas-Sagrament fil-31 ta' Marzu 1753 minn żewġ Karkariżi twajba, Pawlu Xiberras u Ċensu Agius. Dan il-lampier kien jiżen 41 libbra u qam 150 skud. Iż-żewġ benefatturi riedu li wara mewthom jieħu ħsiebu l-Prokuratur tal-Fratellanza ta' dak l-Altar.

## OSTENSORJU TAL-FIDDA

Fil-15 t'April 1749, l-Imgħallem Patist Gatt, bħala Prokuratur tal-Kappella u tal-Fratellanza tas-Sagrament, u taħt id-direzzjoni tal-magħruf Pittur Francesco Zahra li kien l-akbar artist tas-Seklu XVIII,

ftiehem ma' l-arġentier Indrì Troisi, mill-Belt, biex dan jaħdem Ostensorju tal-Fidda fuq pedistall bi tliet faċċati, u jlestih bil-ħġieġ b'kollox u bl-iskatola fejn tinżamm l-Ostja Konsagrata. Il-piż totali kellu jkun ta' madwar 10 libbri. Imbagħad, l-istess Troisi kellu jindura l-kuruna, l-ornamenti u l-iskatola, u kollox kellu jiġi approvat mill-istess Zahra (li pitter il-kwadru titulari tal-Kor u kwadri oħra fil-Kolleġġjata).



## FONTI TAL-MAGĦMUDIJA

It-tabib Salvu Sammut li kien Prokuratur tal-Kolleġġjata, fit-30 ta' Mejju 1762 qabbad lill-Imgħallem Antonio Durante, mill-Isla, biex jaħdem Fonti tal-Magħmudija ta' l-irħam, merfugħ mill-art b'tarġa ta' l-irħam abjad, u biz-zokklu tal-pedistall magħmul minn irħam aħdar tal-Lvant. Fejn kellha titqiegħed xi skrizzjoni fuq il-pedistall kellu jkun hemm irħam abjad, filwaqt li l-ornamenti tiegħu kellhom ikunu ta' l-irħam isfar ta' Siena. Fil-ġnub ta' l-istess pedistall il-marmista kellu jwaħħal żewġ armi tan-neputi tal-benefattur (Gabrieli u Xicluna). Il-vaska ta' ġewwa l-Fonti kellha tkun ta' rħam iswed bil-vini sofor, b'weraq u arzell ta' rħam isfar ta' Siena; u kollox kellu jsir skond id-disinn li l-Prokuratur kien issottomettielu. Il-Fonti qam 350 skud.

## IRĦAM MAL-KWADRU TAL-KOR

L-imħabba tal-Karkariżi għall-Patruna Sant'Elena, kif intqal qabel, hija bla qies; u kienet hekk ukoll matul is-Sekli l-imgħoddija. B'għajnejhom mitfugħin fuq l-altar u l-kwadru tagħha fil-Kor, l-antenati tagħna riedu li jżejnuhom bl-irħam fin kif jixirqilhom. Għalhekk fl-24 ta' Marzu 1771 it-Tabib Salvu Sammut ftiehem ma' l-Imgħallem Klawdju Durante, mill-Isla, biex dan jaħdem u jqiegħed madwar il-kwadru ta' Santa Liena gwarniċ ta' l-irħam isfar bil-vini, minn ta' Siena, li jkun

fis-Salib
il-Qawmien tagħna

wiesa' xiber u nofs u jkun skond il-mudell. Ix-xogħol lest kellu jiġi mifli u approvat minn Rokku Buhagiar, il-pittur magħruf l-ieħor; għaliex missirijietna, fejn ma kinux jifhmu biżżejjed, kienu jistrieħu fuq l-opinjonijiet ta' l-esperti.

**KORP SANT TA' SANT'AWRELJU**

Fit-13 ta' Lulju 1815, il-Kanonku Dun Ġwann Zarb ried ikompli jżejjen il-Kolleġġjata billi, bl-approvazzjoni tal-Kapitlu, ġieb il-Korp-Sant ta' Sant'Awrelju, Martri, biex tieħu ħsiebu l-Fratellanza ta' Sant'Andrija; u għalhekk ġie mqiegħed taħt l-Altar tal-Kappella ta' dawn il-Fratelli-sajjieda. Biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż, l-istess Kanonku Zarb ħalla għalqa ta' tlett iħbula ġewwa Wied il-Kbir.



**VARA TAL-MADONNA TAD-DUTTRINA**

L-Iskultur Franġisk Psaila, l-istess bħal missieru Salvu li ħadem l-istatwa maestuża ta' Sant'Elena, kien iħobbha 'l Birkirkara bil-Kolleġgjata tagħha. Għalekk huwa wkoll ma naqasx li jagħmel xi ħaġa li tkun unika u tibqa' għal dejjem. Din l-opra tiegħu kienet il-vara ta' l-injam tal-Madonna tad-Duttrina li, fit-8 ta' Mejju 1870, hu għaddiha, indurata u lesta minn kollox, f'idejn il-Ven. Sodalità tal-Verġni Marija taħt l-istess titlu, imwaqqfa fil-Kolleġġjata Karkariża. Dan l-iskultur Psaila ma ħa ebda ħlas għax-xogħol tiegħu biex kompla jżid l-opri artistiċi fit-Tempju Elenjan.

Il-Karkariżi wrew l-imħabba tagħhom lejn dan it-Tempju maestuż ta' Santa Liena mhux biss f'opri fuq ġewwa, iżda fuq barra wkoll. Insemmu hawn tnejn biss.

**ARLOĠĠ MAL-FAĊĊATA**

Il-Poplu Karkariż kien ilu jixtieq ħafna li mal-faċċata tal-Kolleġġjata jkun hemm arloġġ li juri u jdoqq il-ħin bil-qniepen tiegħu. Ma damx wisq ma tfaċċa benefattur Karkariż li offra li jagħmel dan l-arloġġ minn flusu, u fl-istess ħin ried li jibqa' anonimu. Għalhekk deher għalih u

minfloku l-Prokuratur tal-Knisja li b'dak li tahom dan il-benefattur u b'mitt skud oħra li offra għal dan il-għan il-Prokuratur tal-Knisja rurali ta' San Ġiljan (li kienet tiddependi mill-Arċimatriċi ta' Birkirkara), kif ukoll bit-tħabrik tat-tabib Leopoldo Bernard u tal-Ġurat ta' Birkirkara, it-tabib l-ieħor Girgor Gatt, l-arloġġ li hemm illum ġie ordnat fis-27 ta' Novembru 1781.

## QNIEPEN ĠODDA

Sa minn ħafna żmien ilu l-Karkariżi riedu li jkollhom qniepen kbar, bħalma sal-lum stess għandhom l-akbar qanpiena f'Malta u Għawdex. Għalhekk fis-26 ta' Novembru 1776, l-aħwa Franġisku u Ġwakkin Triganza, tal-Belt Valletta, ġew imqabbdin mill-Prokuratur tal-Kolleġġjata biex ifondu żewġ qniepen tal-bronż: il-kbira ta' 20 qantar u 60 ratal, li kellha tieħu post il-qanpiena l-kbira l-oħra li kien hemm qabel u li ma tantx kienet irnexxiet. Ftit aktar minn sena wara, fl-10 ta' Jannar 1778, il-qanpiena kbira l-ġdida kienet lesta, u l-Prokuratur ħallas lil Ġwakkin u lil ħuhom l-ieħor Toni. Qablu li l-prezz kien ta' 2,216-il skud fi flus tal-fidda u tar-ram, u ħadu lura wkoll il-qanpiena l-kbira l-qadima bħala parti mill-ħlas. Imbagħad, fit-23 ta' Marzu 1781, tlestiet ukoll it-tieni qanpiena li kienet tiżen 8 qnatar u 60 ratal. Din swiet 963 skud. Fl-aħħarnett, ta' min isemmi wkoll lill-Kavalier Ċensu Borg (Brared), patrijott kbir Karkariż, li wisq qabel ma kkummissjona l-vara ta' Santa Liena, fid-19 t'April 1809 kien ordna mingħand l-istess funditur Ġwakkin Triganza żewġ qniepen oħra għall-Kolleġġjata għażiża tiegħu: il-kbira ta' 40 qantar, u ż-żgħira ta' 16-il qantar.









## OPRI OĦRA

Jeżistu ħafna opri oħra artistiċi fil-Kolleġġjata Elenjana li hawnhekk ma hawnx wisa' biżżejjed biex insemmuhom waħda waħda. Min għamel opra u min opra oħra. Kien hemm ukoll min l-anqas kien jaf x'opra ser issir bi flusu. Hekk ġralu l-Arċipriet Dun Patist Xicluna (li għal xi żmien kellu ħafna inkwiet mal-Kapitlu). Fit-testment li għamel fil-31 ta' Diċembru 1733 dan l-Arċipriet impona obbligu fuq il-werrieta tiegħu li kellhom jagħmlu fil-Kolleġġjata xi opra ta' pittura jew skultura jew bil-ħadid jew bl-injam jew anki bil-ġebel. U fil-fatt dawn l-eredi kienu ddeċidew li bi flus il-mejjet Arċipriet jagħmlu l-Fonti tal-Magħmudija msemmi hawn fuq u li x-xogħol fuqu dam ikarkar għal 30 sena.

Kien hemm min ta ġidu kollu biex waqqaf il-Kanonikati mħollijin għall-Karkariżi (bħal Dun Filippu Borgia u Dan Perin Borg). Min irregala l-istatwa maestuża ta' Sant'Elena (bħall-Kavalier Ċensu Borg, Brared), u kien hemm il-Poplu Karkariż kollu li b'saġrifiċċji mhux żgħar bena u waqqaf it-Tempju Monumentali Elenjan li dwaru l-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Pawlu Alpheran de Bussan, fit-13 ta' Novembru 1730 kiteb lis-Santa Sede u ftaħar li *"opus quidem surrexit magnificum"* (= "il-Knisja bdiet tiela tassew kbira u imponenti"), filwaqt li fi żmienna stess ġie deskritt bħala *"una Basilica degna di Roma"* (= "Bażilika li tagħmel ġieħ lil Ruma"). Kien hemm ukoll min, mill-ftit li kellu, għamel l-almu tiegħu kollu. Dawn kollha, bħall-Banda Duke of Connaught u l-Banda Sant'Elena, kellhom ħsieb fiss u dominanti wieħed: dak li juru l-imħabba kbira tagħhom għall-Patruna Sant'Elena, u li jaraw fl-istess ħin li isem Birkirkara jinżamm dejjem fuq quddiem nett u fl-ogħla livell.